# 49. Il-Ġebla tal-Ġeneral

Għaddew eluf ta' snin minn mindu l-ġganti
ġew lagħbu logħba ta' teqrid u ħerba
f'naħiet id-Dwejra, tefgħu l-art u x-xmajjar
ġo qiegħ il-baħar.

Għamlu tieqa fir-ras tal-ponta twila,
fandu mina ġol-blat u daħħlu minnha
il-mewġ minn San Dimitri f'qala ċkejkna
imdawra bl-art,

u lili firdu minn mal-art għal dejjem,
u jien sfajt blata u gżira l-aktar ċkejkna,
bi ftit faqqiegħ u ftit gremxul sewdieni
ngħix ħajja waħdi.

Għaddew eluf ta' snin, 'mma l-ħajja fija,
sew bħal-lampier qadim ġewwa xi maqdes,
ma ntfiet qatt qatt; il-ħajja li kien fihom
il-ftit faqqiegħ

fil-jum li l-ġganti ħabtu fuq id-Dwejra
għadha ġo fija; xitla wara l-oħra,
f'sensiela twila li ma taqta' qatt,
għaddew il-ħajja

minn id għal id; fuq il-ħuxlief kull sena
tax-xtieli maħruqin tas-sajf mill-ħeġġa
jitwieldu x-xtieli ġodda u l-ħajja fihom
tfaqqa' kull sena.

Għaddew eluf ta' snin u oħrajn għad jgħaddu,
u l-ħajja fija tibqa' tgħix u tixgħel
sew bħal-lampier mixgħul ġo qiegħ il-baħar
taħt San Dimitri. *

** Il-kittieb għandu quddiem għajnejh il-leġġenda ta' San Dimitri.*